KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**21.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

21.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**21.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 20 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**21.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li illum Tenders ta' r-restawr ta' l-istazzjon ta' l-ferrovija saritilom l-evalwazzjoni. Huwa qal li il-pavimentar intrebaħ min kuntrattur filwaqt li restawr, il-kuntraturi ma kienux eliġibli. Kunsill qabel unanimament.

21.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-pavimentar ta' Triq Kapillan Mifsud miexi b'ritmu tajjeb u issuġerixxa li jinxtraw fanali stil vittorjan. Kunsill qabel unanimament. Huwa informa lil kunsill li l-Water Service Corporation talbuna rati u qed jikkunsidraw li jkomplu ix-xogħol huma fejn ma kienx pjanat.

21.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-pouches għat tfal ġew ordanti.

21.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li ix-xogħol fuq Ġnien Salvinu Spiteri għadejj u issuġerixxa li ma' l-ħajt ta' xi residentti issir mural adattat. Kunsil qabel unanimament.

21.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li xi studenti qed jagħmlu case study fuq il-Ħamrun u dawn sa jkunu qed jiproponu proġett lil kunsill. Huma jixtiequ jużaw xi fondi ta' l-Awtorita ta' l-ippjanar biex iwettqu dan il-proġett. Kunsill qabel li jevalwa il-proġett u jideċiedi wara.

21.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li ġie propost li jixtri post biex tintuża bħala berġa. Huwa informa lil kunsill li kumpless kumerċjali offra zona biex tintuża bħala berġa, iżda diskussjonijiet għadom fil-bidu.

21.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-portal diġitali, media soċjali u programm għadejj.

21.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li sa ssir laqgħa ta' korteżija ma rappreżentanti ta' l-Community Police fl-14 ta' Jannar fl-4:30 ta' filgħaxija u kunsill kollhu huwa mistieden.

21.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li hemm quddiesa fit 2 ta' Frar fl-okkażżjoni ta' t-350 sena aniversarju min meta sar qaddies San Gejtanu. Huwa issuġerixxa li tingħata koppja ta' CD lil għaqdiet li sa jkunu mistiedna kif ukoll nigħnu l-attivita bil-ħlas ta' kantant u pjanist. Kunsill qabel unanimament.

21.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li hemm ċertu periti qed jagħmlu "Case Studies" dwar il-Ħamrun u dawn interesatti li jaħdmu certu proġetti fil-lokalita. Il-Kunsill qabel unanimament li għanda issir diskussjoni magħom.

21.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li hemm skema SPI.SCI.1.2021.Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal fondi biex nagħmlu restawr ta' t-Torri. Kunsill qabel unanimament

21.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** inotta wara l-artiklu ta' LovinMalta dwar il-Ħamrun xi għaqda jew zona setgħat ħadet l-intenzzjoni li ġet żvantaġjata. Huwa qal li dan kien artiklu mil-prospettiva ta' ġurnal partikolari. Huwa informa lil kunsill li intbghatu diversi rittratti u noti mingħand il-kunsill imma dan inkiteb min kif jara huwa li in-nies jistgħu ikunu attratti lejn il-Ħamrun. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li ġie aviċinat min għaqda partikolari kif ukoll min xi nies ta' z-zona ta' l-Kunċizzjoni fejn hassew li fl-artiklu u l-video kieni injorati. Il-Kunsillier Vincent Bonello qal li jekk inhossu li kien żball, dawn affarijiet li jiġru u għaldaqstant noqogħdu attenti darb'ohra. **Is-Sindku Christian Sammut** qal li jekk ha noqogħodu niħdlu fid-dettalji u nidettaw lil min jagħmel il-marketing, allura idealment niqbgħu nagħmlu kollox aħna. Kunsill qabel unanimament.

21.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li qed issir il-ħidma fuq is-sit diżitali tal-kunsill. Huwa xtaq jirringrazzja is-sinjur Max Farruġia tal-ħidma li qed jagħmel biex iżżidt l-informazzjoni meħtieġa. Huwa issuġerixxa li il-quddiem issir bil-lingwa ingliża u sezzjonijiet bit-taljan. Kunsill qabel unanimament.

**20.04 Dwal fil-Ħamrun**

21.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-armar ta' l-Milied intlaqa ferm tajjeb, huwa qal li għalkemm konna ftit tard, l-armar intogħoġob u għaldaqstant huwa jemmen li l-Milied li ġej il-kunsill għandu jinvesti f'iktar armar u dan jitpoġġa qabel. Huwa issuġerixxa wkoll li issir talba biex il-presepju li jinkludi lil San Ġorg Preca jerġ jkun armat fil-Ħamrun. Huwa qal li din is-sena sa tkun il-100 sena min meta saret l-ewwel purċissjoni bil-bambin u għaldaqstant jemmen li tkun xi ħaġa sabiha. Kunsill Qabel unanimament.

21.04.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa jekk il-ħwienet ingħatawx l-opportunita li dawn jagħmlu reklam fuq il-PA system. Huwa ġie informat li dawn intbgħatitilom ittra darbtejn permess ta' l-ħaddiema tagħna.

21.04.03 Is-Sindku Christian Sammut issuġerixxa li fl-okażżjoni ta' Jum San Valentinu, il-kunsill jagħmel xi dwal madwar il-Ħamrun għal spiża ta' madwar €2,500. Id-dwal ikun ikoppri parti kbira min triq il-Kbira u iz-zona ta' fejn il-knisja ta' l-kunċizzjoni. Il-kunsill qabel unanimament. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issuġerixxa li jsir xi haġa fil-pjazzez ukoll, Kunsill qabel li jiġu aviċinati l-għaqdiet ta' l-armar.

21.04.04 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li nagħmlu xi armar għal żmien il-karnival kif ukoll festi oħra. Huwa qal li ġie avviċinat mil-għaqda armar San Gejtanu biex jagħmlu slaleb biex jeħlu fit-triq prinċipali fi' żmien il-ġimgħa mqadssa. Huwa qal li l-ispiża tkun ta €100 kull salib u dawn jixtiequ jagħmlu 24. Huwa qal ukoll li ġie aviċinat mil-għaqda armar ta' l-kunċizzjoni biex jingħataw għajnuna biex jagħmlu presepju għal żmien il-Milied, huwa issuġeriexa li dawn ituna stima u dissin biex nikunsidrawa. Kunsill qabel ma kollox unanimament.

**21.05 MOU with visualnonvisualnetwork.org**

21.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-għaqda volontarja biex jigħnu il-dawk neqsien mid-dawl jixtiequ jiffirmaw MOU biex issir ħidma flimkien ma' l-Kunsill Lokali Ħamrun. Huwa qal li il-pjan huwa li issiru attivitajiet bil-kollaborazzjoni magħom u fl-istess ħin huma jipartecipaw waqt l-attivitajiet tagħna. Kunsil lqabel unanimament.

**21.06 Performance Bonus Segretarju Eżżekutiv**

21.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** inotta li is-Segretarj Eżżekutiv kellu sena diffiċli minħabba li daħal għal kariga wara nuqass ta' Segretarj u il-problemi li ġabet il-pandemija. Huwa issuġerixxa li jingħat il-bonus massimu, l-Kunsill qabel unanimament.

**21.07 Skeda ta' Ħlasijiet**

21.07.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru, 2020.

**Il-Kunsillier Josef Cushcieri** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Grixti** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**21.08 Ħwejjeġ Oħra**

21.08.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** staqsa dwar l-istatwa ta' San Gejtanu proposta mil-għaqda. Huwa ġie informat li hemm diskusjonijiet għadejjien minħabba li Transport Malta oġezzjonaw

21.08.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** staqsa dwar il-propjeta li ġiet devoluta lil kunsill fi' triq il-kbira, huwa ġie informat li qed nistenew il-kuntratt mid-dipartiment ta' l-artijiet.

21.08.03 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** staqsa dwar id-dawl ta' fejn il-Bandli Anton Bittiġieġ. Huwa ġie informat li sar rapport u dan ha jisewwa fil qrib.

21.08.04 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** staqsa dwar Ubar li ha teħel fi' Triq Patri Magri. Huwa ġie informat li din qeda fil-lista ta' xogħolijiet.

21.08.05 **Il-Kunsillier Carmen Borg** saqsiet fiex wasal it-trasferiment ta' Skips min triq is-sewwieqa għaz-zona l-ġdida. Hija ġiet informata li qed nistennew il-kumpanija ta' l-internet biex il-kameras ikunu funzjonanti, imbgħadt issir it-transferiment.

21.08.06 **Il-Kunsillier Carmen Borg** informat lil kunsill li hemm biċċa bankina perikoluża fi' Triq Anton Buttiġeġ. Hija ġiet informata li qed issiru diskusjonijiet ma' l-kuntratur biex din tisewwa.

21.08.07 **Il-Kunsillier Vincent Bonello** issuġerixxa li tingħata tindifa il-bankina ta' quddiem il-kumpless il-kbir. Kunsill qabel li sa nkellmu lil Cleansing Department.

21.08.08 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** inotta li zona fejn Blata l-Bajda qed johorġu skart illegalment. Huwa ġie informat li sa jsirru rapporti neċessarji.

21.08.09 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** inotta li zona fejn Blata l-Bajda hemm bankina f'kundizzjoni mhux tajba, huwa saqsa hux possibli li titranġa. Huwa ġie informat li naraw x'jista jsir.

21.08.10 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** inotta li zona fejn Blata l-Bajda hemm culvert partikolari miżdud. Huwa ġie informat li dan sa jsir.

21.08.11 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** inotta li zona fejn Blata l-Bajda hemm zebra cross f'possizjoni perikoluza. Huwa ġie informat li sa naraw x'jiista jsir.

21.08.12 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** informa lil kunsill li għadu għadejj bil-kumonukazzjoni ma' l-GYMS ġewwa l-Ħamrun.

## 21.09 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.09.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 9 ta' Frar, 2021 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 9 ta' Frar, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv